**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors guramentat numru 60/2015**

**Anthony Catania I.D. 241445(M) u Doris Catania I.D. 605348(M)**

**vs**

**Charles Vella Rapa I.D. 125876(M)**

**Illum, 21 t' April, 2016**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk:

1. Illi l-atturi jikru l-fond kummercjali numru 8, Bisazza Street, Sliema;

2. Illi l-atturi kkoncedew a favur tal-konvenut il-fond surriferit sabiex jopera u jiggestixxi tali fond kummercjali bhala *going concern,* u dan ai termini tal-iskrittura mhux datata izda iffirmata

f'Ottubru 2009 annessa u *immarkata* **Dok CAT 1** li saret bejn il-partijiet;

3. Illi sussegwentement il-konvenut gie koncess il-jedd li jokkupa l-fond in kwistjoni, u inghata c-cwievet tal-istess fond;

4. Illi ai termini ta' klawsola (a) tal-ftehim, il-konvenut kien obbligat li jhallas lill-atturi l-ammont ta' erbat elef mitejn u hamsin ewro (€4,250.00) fis-sena bhala '*operating and management fee';*

5. Illi ai termini ta' klawsola (f) tal-ftehim, hemm stipulat illi ***'Any breach by the second party, of any of the above terms and conditions of this agreement, shall automatically terminate this contract, and the first party shall without prejudice to any other right of action pertinent to him by law, not be bound in any way to pay any compensation whatsoever to the second party; This however does not free the second party from any recurring penalties and responsibilities following such breach'****;*

6. Illi sal-prezentata ta' din il-kawza l-konvenut ma hallas ebda ammont li kien dovut minnu, u ghalhekk il-ftehim iffirmat f'Ottubru 2009 huwa *ipso facto* itterminat;

7. Illi minkejja li gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Novembru 2014 hawn annessa u mmarkata **Dok CAT 2** sabiex jirrexxindi l-ftehim iffirmat f'Ottubru 2009, jirrilaxxa l-pussess battal tal-fond u jhallas l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf seba' mija u disgha u ghoxrin ewro (€23,729.00) dovut lill-atturi, l-intimat baqa inadempjenti;

8. Illi safejn jafu l-atturi, il-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet validi x'jaghti;

9. Illi ghal kull buon fini, dan ir-rikors gie intavolat quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera skond l-artikolu 44 tal-Kap 69;

10. Illi ghalhekk l-atturi qieghdin jintavolaw dawn il-proceduri sommarji taht 1-Artikolu 16A tal-Kap 69, u l-attur qieghed jannetti dikjarazzjoni guramentata/affidavit tieghu kif mitlub mill-ligi bhala **Dok CAT 3**;

Jghid ghalhekk il-konvenut, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, l-ghaliex dan l-Onorabbli Bord ma ghandux jaqta' u jiddeciedi billi:

1. Jiddikjara li man-notifika ta' l-ittra ufficcjali l-*operating and management agreement* mhux datat izda iffirmat f'Ottubru 2009 bejn il-partijiet hawn anness bhala **Dok CAT 2** gie terminat skond il-klawsola (f) ta' l-istess ftehim;

2. Jordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond numru 8, Bisazza Street, Sliema, u jordna lill-konvenut jirritorna c-cwievet u l-pussess battal tal-istess fond lill-atturi entro terminu qasir u perentorju li jistipula l-Bord. Fin-nuqqas ta' adempiment tal-konvenut ma' l-ordnijiet tal-Bord, il-Bord jawtorizza lir-rikorrenti sabiex permezz ta' periti nominandi jaghmlu dawk ix-xogholijiet necessarji sabiex jidhlu fl-istess hanut u dan dejjem a spejjez ta' l-istess intimat;

3. Jiddikjara li l-intimat huwa moruz fil-hlasijiet ta' *operating and management agreement fee* minn Ottubru 2009 sa Mejju 2015 inkluzi li jammontaw ghal tlieta u ghoxrin elf seba' mija u disgha

u ghoxrin ewro (€23,729.00), flimkien ma’ l-imghaxijiet kummercjali mid-data ta’ l-ittra ufficcjali sal-pagament effettiv;

4. Jilqa’ t-talbiet tal-atturi minghajr ma jghaddi ghas-smiegh tal-kawza, u dan ai termini tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta, u sabiex taghti dawk il-provvedimenti koIlha opportuni u necessarji li dan il-Bord ihoss li huma idoneji fic-cirkostanzi;

Bl-ispejjez legali u bl-ingunzjoni ta’ l-intimat in subizzjoni u bir-rizerva ta’ kull azzjoni legali ulterjuri necessarja u opportuna.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promutur fl-14 ta’ Settembru 2015.

Ra illi l-intimat debitament notifikat baqa’ ma deherx biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Sema’ l-provi;

Illi fis-seduta tal-lum 21 ta' April 2016, ir-rikorrent ikkonferma li s-sitwazzjoni ghada l-istess u li ma nbidel xejn minn meta gew istitwiti l-proceduri odjerni.

Ikkunsidra:

Illi l-intimat naqas li jidher quddiem il-Bord biex jaghmel id-difiza tieghu u ghalhekk huwa kontumaci. Stante li l-proceduri odjerni huma sommarji l-Bord qed jipprocedi bid-dispensa tas-smiegh.

Ghaldaqstant, il-Bord qed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti. Ghall-fini ta' zgumbrament jipprefiggi terminu ta' tletin jum mil-lum. Spejjez a karigu tal-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur